MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 15/1989/1

Alfred Portelli,

Anthony Cutajar u
b'degriet ta' l-4 ta' Gunju 1997,
il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Alfred Portelli
minflok Anthony Cutajar li miet fil-mori tal-kawża; u

Concetta armla ta' Michele Cutajar
kemm f'isimha Proprju kif ukoll bħala mandatarja
tal-Imsefrin uliedha Carmelo sive Charlie Cutajar,
Michael Cutajar skond l-annessa prokura markata
Dokument "A";

Salvina mart Joseph Portelli;

Salvatore sive Sammy Hili; u

John Hili, u b'degriet tat-13 ta' April 2004,
il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Joseph u Salvina konjuġi
Hili ta' "Joe-Sal", Triq in-Nadur, Qala, Għawdex,

stante li fil-mori tal-kawża l-atturi Salvina Portelli,
Agnes Portelli, Mary Mifsud, Michael Cutajar,
Joseph Hili; Concetta Cutajar, Michael Hili,
John Hili, u Saviour Hili biegħu u ttrasferew
il-proprjeta' mertu tal-kawża, flimkien mad-drittijiet
litiġużi naxxenti favur il-vendituri mertu tal-kawża.
vs

Joseph Farrugia u Josephine konjuġi Farrugia,
U b'degriet tal-4 ta' April, 2006 l-avukat Dr. Mario
Scerri LL.D. ġie nominat bhala kuratur biex jidher
għal wirt battal ta' Joseph Farrugia li miet
fil-mori tal-kawża.

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew:

Illi l-attur Toni Cutajar hu proprjetarju fost oħrajn ta' biċċa raba formanti parti minn raba akbar imsejjaħ "Tal-Ġunta" sive "Tan-Nannu" fi Triq iż-Żewwieq, Qala, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka seba' kejliet u tmiss tramuntana ma' beni tagħkom konvenuti, lvant ma' beni tal-familja Portelli, u tal-istess Toni Cutajar, u punent ma' passaġġ, bid-dritt tal-passaġġ minn fuq beni li jiġu fuq it-tramuntana (u ċioe' minn fuq il-proprjeta' taghkom) u soġġetta għall-passaġġ favur beni illi jiġu fuq in-nofsinhar tagħha, u ċioe' favur beni ta' Alfred Portelli;

Illi Alfred Portelli hu proprjetarju ta' parti oħra mill-istess raba tal-kejl ta' ċirka seba' kejliet tmiss tramuntana ma' beni ta' Anthony Cutajar fuq deskritti, Lvant in parti mal-istess Anthony Cutajar, u ma' proprjeta' oħra tal-istess Alfred Portelli, u punent ma' passaġġ, godenti passaġġ minn fuq il-beni li jiġu fuq it-tramuntana, u ċioe' minn fuq il-proprjeta' tagħkom konvenuti u dik ta' Anthony cutajar fuq deskritta; u soġġetta għall-passaġġ favur beni li jiġu fuq in-nofsinhar, u ċioe' favur beni tal-eredi ta' Mikieli Cutajar, l-atturi l-oħra;

Illi l-attriċi Cetta Cutajar u wliedha huma proprjetarji ta' parti oħra mill-istess territorju tal-kejl ta' ċirka seba' kejliet u tmiss tramuntana ma' beni ta' Alfred Portelli fuq deskritti, lvant in parti ma' beni tal-istess Alfred Portelli u in parti ma' proprjeta' oħra tal-istess Cetta Cutajar u wliedha, u punent ma' passagg, godenti passaġġ minn fuq beni li jiġu fuq it-tramuntana u cioe' minn fuq il-proprjeta' tal-atturi l-oħra, u soġġetta għal passaġġ favur beni li jiġu fuq l-lvant proprjeta' tal-istess atturi;

Illi l-atturi kienu jgawdu u jeżerċitaw dan id-dritt tal-passaġġ minn fuq il-proprjeta' tagħkom konvenuti minn fuq l-estrem tan-naħa tal-lvant tal-proprjeta' tagħkom, u kienu fil-pussess tal-istess dritt ta' passaġġ;

Illi f'xi ġurnata għall-aħħar ta' Marzu jew għall-bidu ta' April 1988 intom konvenuti jew min minnkom personalment jew permezz ta' terzi immolestajtu lill-atturi fil-pussess tagħhom ta' dan id-dritt ta' passaġġ billi għalaqtu l-imsemmi passaġġ;

Illi l-atturi jriduilli jinżammu fil-pussess tad-dritt ta' passaġġ lilhom kompetenti minn fuq ir-raba tagħkom msejjaħ "Tan-Nannu" sive "Tal-Ġunta" fi triq iż-Żewwieqa limiti ta' Qala, Għawdex.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi intom immolestajtu lill-atturi fil-pussess tad-dritt ta' passaġġ lilhom kompetenti minn fuq ir-raba tagħkom msejħa "Tan-Nannu" sive "Tal-Ġunta" fi Triq Żewwieqa, limiti ta' Qala, Gozo meta intom għalaqtu l-istess passaġġi;

2. Tikkundannakom illi tirreintegraw lill-atturi fil-pussess tal-istess passaġġ billi tagħmlu dawk ix-xogħlijiet kollha neċessarji u dan okkorrendo taħt is-sorveljanza ta' perit nominand għal dan l-iskop;

3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi illi jagħmlu dawn ix-xogħlijiet huma stess a spejjeż tagħkom konvenuti.

Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra interpellatorja kontra taghkom.

Bir-riserva ta' kwalunkwe azzjoni għad-danni spettanti lill-atturi kontra taghkom.
Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi debitament maħlufa mill-attur Alfred Portelli.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi:

1. Illi d-domandi attriċi huma infondati fid-dritt u fil-fatt u dan peress illi l-atturi ma għandhom ebda jedd ta' passagg minn fuq il-proprjeta' tal-konvenuti.

2. Illi l-att ta' divizjoni ċitat mill-atturi ma jagħmel ebda stat fil-konfront tal-konvenuti billi huma b'ebda mod ma kienu parteċipi fih u għalhekk huma "res inter alios acta".

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti maħlufa minn Joseph Farrugia.

Rat id-digriet tagħha ta' l-14 ta' April 1989 fejn innominat lill-avukat Dottor Franz Refalo bħala perit legali.

Rat id-digiret tagħha tas-26 ta' Jannar 1990 fejn issostitwiet lil Dr. Franz Refalo b'Dottor Grazio Mercieca fl-istess inkarigu.

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali ppreżentata fid-9 ta' Awissu 2006 u minnu maħlufa fit-12 ta' Jannar 2007.

Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat il-verbal tagħha tad-29 ta' Mejju 2007 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa, l-affidavits u dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu li jiġu re-integrati fil-pussess ta' passaġġ li huma jgħidu li r-raba tagħhom kienet tgawdi minn fuq l-art tal-konvenuti. Il-konvenuti, għalkemm jammettu illi f'xi żmien qabel ma saret din il-kawża kienu tassew għalqu l-fetħiet li kien hemm, waħda fil-ħajt li jagħti għat-triq u l-oħra fil-ħajt diviżorji li jifred il-proprjeta' tagħhom minn dik ta' l-atturi, jiċħdu illi l-art ta' l-atturi tgawdi xi mogħdija minn fuq din l-istess art tagħhom.

Minkejja illi l-konvenuti ma ressqu ebda eċċezzjoni formali f'dan ir-rigward, fir-relazzjoni tiegħu l-perit legali jqajjem dubbju dwar il-vera natura ta' din il-kawża, u nfatti jissottometti li "*L-azzjoni tal-atturi hija waħda ta' spoll, ikkamuffata bħala waħda ta' manutenzjoni."* [1]

Madankollu l-atturi fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tagħhom, jinsistu illi huma eżercitaw l-*actio manutentionis* u għalhekk huwa essenzjali illi jiġi konstatat jekk fil-każ in eżami jeżistux l-elementi meħtieġa sabiex tirnexxi kawża bħal din. Mingħajr il-konkorrenza ta' l-elementi kollha meħtieġa mill-liġi u li huma ta' ordni pubbliku,[2] żgur li l-kawża ma tistax tirnexxi. F'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawża fl-ismijiet : "**Grace Agius v. Angiolina Cutajar** (Kollez. XLIII. I. 97), insibu din id-definizzjoni klassika ta' l-elementi ta' l-azzjoni possessorja tal-manutenzjoni:

"*Sabiex din l-azzjoni tista' tirnexxi jeħtieġ li jirrikorru erba' elementi, u ċioe':*

---

[1] Ara relazzjoni peritali a fol. 131 tergo tal-process .
[2] ara Prim'Awla : Joseph Vella vs Anthony Migneco" 9.6.2005 ; u Appell:Buttigieg vs Zammit :: 7.10.1997: .

*(a) l-attur irid jipprova li l-azzjoni tiegħu tirrigwarda oġġett immobbli jew universalita' ta' ħwejjeġ mobbli;*
*(b) li huwa jinsab fil-pussess ta' liema xorta jkun, tal-ħaġa,*
*(c) li jkun ġie mmolestat f'dan il-pussess, u*
*(d) li l-azzjoni tkun ġiet eżerċitata fi żmien sena mill-molestja.*

*Inoltre, skond il-liġi, il-pussess irid ikun fis-sens tad-definizzjoni mogħtija mill-artikolu 524 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) . Huwa għalhekk indifferenti jekk il-pussess kienx leġittimu jew illeġittimu, in buona fede jew in mala fede u jekk ikollux bħala oġġett id-detenzjoni tal-ħaġa korporali jew it-tgawdija ta' xi jedd, basta li dik id-detenzjoni u dik it-tgawdija tkun "animo domini". Jiżdied ukoll illi kwantu għall-molestja, din tista' tikkonsiti fi kwalunkwe att ġuridiku jew fatt materjali li jikkostitwixxi jew jimplika pretensjoni kuntrarja għall-pussess ta' ħaddieħor." (ara ukoll* **Michele Azzopardi v Giuseppe Farrugia** - *Kollez. XXVII. I. 622).*

Għar-rigward tal-kwistjoni jekk f'kawża ta' manutenzjoni, kif għandna fil-każ in eżami, tistax tintalab ir-reintegrazzjoni bħal ma jsir f'waħda ta' spoll, ir-**Ricci** jgħid illi:

"*Coll'azione in manutenzione si chiede la conservazione o il mantenimento dello stato di fatto in cui il possessore si trova; e poiche' la condizione attuale di cose non puo' mantenersi se non a patto che la turbativa cessi, quindi e' che nella domanda di manutenzione in possesso si contiene implicita e come conseguenziale l'altra d'inibizione al turbatore di proseguire nell'opera o nel fatto molesto da lui intrapreso* …..

*E sifatta inibizione puo' riuscire qualche volta insufficiente a raggiungere lo scopo; imperocche', supposto che il fatto turbativo abbia prodotto variazione nello stato materiale della cosa o nel modo con cui si possedeva, e' evidente che il mantenimento della condizione di fatto in cui il*

*possessore si trova non si ottiene se non restituendo le cose nel primiero loro stato*." (op. cit. 396).

Hekk naraw per eżempju li fis-sentenza tagħha tat-13 ta' Mejju 1991 f'kawża simili ta' manutenzjoni fil-pussess, fl-ismijet: "**Michele Calleja v. Emanuela Cassar et.,**" li ġiet ukoll ikkonfermata fl-Appell, il-Qorti laqgħet, fost oħrajn, it-talba ta' l-attur sabiex il-konvenuti jiġu kkundannati " … *jagħmlu dak li hu neċessarju sabiex il-passaġġ imsemmi fiċ-ċitazzjoni jerġa' jitqiegħed fl-istat oriġinali tiegħu li kien fis-sajf tas-sena 1978*" (Kollez. Vol. LXXVIII. II 358). Huwa evidenti għalhekk illi anke f'kawża bħal dik ittentata mill-atturi, it-talba għar-reintegrazzjoni fl-istat oriġinali hija permessa, anzi kif qal ir-Ricci fil-bran ċitat, xi kultant anke indispensabbli biex l-attur jerġa' jiġi fit-tgawdija li kien fiha oriġinarjament.

Fir-relazzjoni tiegħu, il-perit legali, wara li jagħti ħarsa dettaljata lejn id-dottrina u l-ġurisprudenza fir-rigward ta' l-azzjonijiet possessorji, u d-differenzi fl-elementi ta' kawża ta' spoll u dik ta' manutenzjoni, jikkonkludi illi fil-każ in eżami:

"*Il-fatt esegwit mill-konvenuti u li huwa bażi tal-azzjoni possessorja tal-atturi huwa kjarament att spoljattiv, mhux ta' mera turbattiva . Fiċ-ċitazzjoni tagħhom l-atturi jistqarru ċar u tond li ġew spussessati għal kollox mill-passaġġ.*

*Illi għalhekk huwa ċar minn dan li l-atturi qegħdin jistqarru, mhux li sfaw merament iddisturbati fl-eżerċizzju tal-jedd tagħhom tal-passaġġ, imma li sfaw addirittura spussessati għal kollox minnu.*

*In-natura u l-indoli tal-azzjoni tal-atturi għandha tiġi deżunta mit-termini tal-att li bih inbdew il-proċeduri, u minn dan l-att jirriżulta li l-azzjoni ntentata mill-atturi hija fil-fatt dik ta' spoll*." [3]

---

[3] Ara relazzjoni peritali a fol. 138 .

Kif rajna hawn fuq, elementi importanti ta' din l-azzjoni huma li l-attur ikun jinsab fil-**pussess** ta' xi ħaġa **mmobbli,** u li jkun ġie **molestat** f'dan il-pussess mill-konvenut. Fil-każ in eżami l-atturi jallegaw illi huma kienu jgawdu passaġġ minn fuq l-art tal-konvenuti sakemm dawn ma setgħux jagħmlu iżjed użu minn dan il-passaġġ biex jaċċedu għar-raba tagħhom deskritta fiċ-ċitazzjoni, wara li l-konvenuti għalqulhom il-fetħiet li minnhom kienu jaċċedu sabiex jagħmlu użu minn dan il-passagg.

Il-perit legali kkonkluda, u miegħu qablu l-konvenuti, illi malli seħħ l-att illi bih ingħalqu l-fetħiet imsemmija mill-attur, dawn ġew imneżża mill-pussess li seta' kellhom tal-passaġġ in kwistjoni, u allura jonqos element ewlieni ta' l-*actio manutensionis*, bil-konsegwenza illi din il-kawża ma tistax tirnexxi. L-atturi jirribattu billi jsostnu illi dan il-pussess għandu jirreferi għar-raba tagħhom illi kien u għadu fil-pussess tagħhom, u mhux għall-passaġġ lamentat. Imma ġialadarba l-atturi qegħdin inekwivokament jitolbu fiċ-citazzjoni tagħhom illi l-konvenuti jiġi kkundannati jirreintegrawhom "***fil-pussess ta' l-istess passaġġ***", ma jibqa' l-ebda dubbju illi bl-aġir ta' l-konvenuti huma tilfu dan il-pussess, u kien appuntu għalhekk illi huma għamlu din it-talba.

Kif ġie mfisser:

*"Huwa prinċipju ġenerali illi n-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jiġu dedotti mit-termini tal-att li bih jinbdew il-proċeduri. A propositu, partikolarment ta' dawn l-azzjonijiet possessorji, intqal fil-ġurisprudenza taljana interpretattiva ta' dispożizzjonijiet simili fis-sustanza għal dawn tal-liġi tagħna, illi 'la natura dell'azione possessoria deve desumersi dal tenore del libello, non dalle frasi nelle posteriori comparse'.* (Coen, Azione Possessoria, no. 64) . Intqal ukoll: '*Per conoscere se l'azione intentata sia di manutenzione o non piutosto di reintegrazione in possesso, conviene esaminare la natura dei fatti esposti nella citazione e cio' che l'attore ha domandato*.' (ibid.). [4]

[4] Joseph Tabone vs Joseph Flavia sive De Flavia : Appell Civili : 7.3.1958; kollez. vol. XLII. i. 86 .

Huwa minnu illi, kif ġie spjegat hawn fuq, id-dottrina tammetti l-possibilita' ta' talba għar-reintegrazzjoni, mhux biss f'kawża ta' spoll, imma anke f'kawża ta' manutenzjoni. Pero' a differenza ta' kawża ta' spoll, din ir-reintegrazzjoni ma tistax tkun ta' pussess li jkun ġia ntilef għal kollox, imma sempliċement ta' xi ħaġa li biha jew mingħajrha dak il-pussess ikun qed jiġi mfixkel.

Ġialadarba jonqos wieħed mill-elementi rikjesti għas-suċċess ta' kawża bħal din, ikun inutili li jiġi nvestigat jekk jikkonkorrux ukoll l-elementi l-oħra ta' l-*actio manutentionis*. Infatti hemm ukoll nuqqas ta' qbil bejn il-kontendenti dwar iż-żmien li fih seħħew l-inċidenti li taw l-lok għal din il-kawża, bil-perit legali ċu l-konvenuti jaqblu illi kienet ġia laħqet għaddiet aktar mis-sena konċessa mil-liġi f'dan ir-rigward.

Għaldaqstant, u peress illi jirriżulta illi jonqos l-element tal-pussess fl-atturi, wieħed mill-elementi rikjesti mill-liġi sabiex tkun tista tirnexxi kawża bħal din, l-atturi ma jistgħux jirnexxu fit-talbiet tagħhom.

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra l-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------